23 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt. M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Avukat Dr. Anthony Pullicino et. *versus* Sir David Campbell ne.

**Area ta' Barra l-Bombi — Azzjoni Publika — Spejjeż — "Ratio Legis" — Interpretazzjoni — Kap. 114 ta' l-Edizzjoni Riveduta.**

*L-objettiv tal-Liġi dwar il-Preservazzjoni ta' l-Area ta' barra l-Bombi huwa dak li dik l-area tiġi dikjarata bħala area li fuqha ma jistax isir bini u li ma tistax tiġi mogħtija għall-bini bħala spazju fabbrikabili, u li hija oġġett li mhux fil-kummerċ; u għalhekk ebda parti minn dik l-area ma tista' tiġi trasferita lil terzi persuni għal dawn l-iskopijiet jew li jsiru drittijiet reali fuqha.*

*Dana però ma jfisserx illi jekk il-Gvern itella' xi opri fuq xi parti minn dik l-area huwa jmur kontra dik il-liġi, għax bl-ebda mod ma jista' jingħad li huwa tefa' dik il-parti fil-kummerċ per mezz ta' trasferiment tal-proprjetà jew ta xi dritt lit-terzi.*

*Avvolja l-kelma tal-leġislatur tkun ċara, huwa leċitu li tiġi eżaminata r-"ratio legis" biex tittieħed interpretazzjoni aktar preċiża tal-liġi.*

*Il-liġi tittutela dik l-area bl-azzjoni publika, u teżenta mill-ħlas ta' ċerti drittijiet liċ-ċittadin li jipproponi din l-azzjoni; u dina l-eżenzjoni hija applikabili mhux biss meta jintalab l-annullament ta' xi trasferiment li l-Gvern ikun għamel kontra l-ispirtu tal-liġi, imma anki meta l-azzjoni hija diretta għad-demolizzjoni ta' xi bini li jkun tala fuq dik l-area.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew li l-konvenut nomine, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet ta'

l-Att dwar il-Konservazzjoni ta' l-Area ta' barra l-Bombi (Kap. 114), bena żewġ strutturi ta' natura permanenti fejn li 'stages' tal-karrozzi tal-linja, waħda fit-triq li tagħti minn Porte des Bombes għal Blata-il-Bajda, u l-oħra fi Princess Melita Road; talbu li l-konvenut nomine jiġi kundannat illi (1) iħott dawn iż-żewġ strutturi fiż-żmien li tagħtih il-Qorti; (2) li jħallas-hom somma mhux anqas minn £50 u mhux aktar minn £500 skond l-art. 6 ta' l-istess Att. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fil-11 ta' Novembru 1946, fejn ċaħdet it-talba ta' l-atturi u kkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tad-difensuri biss, billi ta' l-ispejjeż huma mill-liġi esklużi mill-pagament; wara li kkunsidrat;

Illi biex liġi tiġi interpretata tajjeb huwa xi drabi neċessarju li wieħed jirrikorri għar-"ratio legis" u l-"occasio legis", għaliex il-ġudikant xi drabi jara li għandu jiġi applikat il-prinċipju l-ieħor "cessante ratione legis cessat et ejus dispositio"; illi l-iskop tal-liġi kien l-abbelliment ta' dik l-area li tieħu barra mill-Belt għall-Furjana, u għalhekk il-liġi pprojbiet li jsir bini u trasferimenti għal dana l-effett, u għalhekk dik l-area ġiet dikjarata barra mill-kummerċ, b'ċerti sanzjonijiet hemm indikati;

Illi ma hemmx dubju li ma sar ebda trasferiment minn għand il-Gvern ta' parti ta' dik l-area, jew ta' xi dritt reali;

Illi l-kelma "bini" hija ta' estensjoni kbira, u tikkomprendi tant l-art kemm il-fabbrikat jew edifiċju mtalla' fuqha;

Illi skond l-art. 3 hemm bżonn ikun hemm trasferiment; illi meta l-art ġiet dikjarata barra mill-kummerċ, dik il-projbizzjoni ċċirkoskriviet l-azzjoni ta' l-istess Gvern; illi dawk il-limitazzjonijiet huma intiżi biex l-art ma tkunx fabbrikabili; illi però, jekk fl-interess publiku saru xi opri li ma ġiebux trasferiment ta' proprjetà jew kreazzjoni ta' drittijiet reali, dawn ma jaqgħux taħt il-kliem tal-liġi u fl-iskop tagħha, għaliex il-liġi intendiet blokki ta' fabbrikati u edifiċċji; illi għalkemm dawn l-opri li saru huma "structures", iżda ma humiex il-fabbrikati li l-leġislatur ried li ma jsirux f'dik l-area; illi għal-

hekk għandu jiġi applikat il-prinċipju "cessante ratione legis cessat et ejus dispositio";

Illi mbagħad għandu jiġi applikat anki l-prinċipju l-ieħor "quod communiter omnibus prodest praeferendum est";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom, fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-liġi in kwistjoni (Kap. 114) tikkonsisti unikament bħala obbjettiv tagħha fl-artikolu 3, fejn hemm dak li l-leġislatur ried per mezz ta' din il-liġi u speċifika l-obbjett għalfejn saret u liema ħaġa qiegħda tmiss, u ċjoè "l-area barra l-Bieb tal-Bombi hija b'dana l-Att dikjarata bħala area mhix fabbrikabili u bħala maħruġa barra mill-kummerċ". Il-liġi qiegħda ċirkoskritta preċiżament f'dawn il-kliem, u għalhekk dik l-area hija dikjarata li mhix fabbrikabili, "a non-building area", u hija eskluża mill-kummerċ. Dan ifisser, skond dan il-kliem ċar, illi dik l-area ma tistax tkun kunsidrata bħala area li fuqha jista' jitla' bini, li tista' tiġi mogħtija għall-bini bħala spazju fabbrikabili, u li hija mhijiex oġġett tal-kummerċ; u għalhekk l-ebda parti minnha ma tista' tiġi trasferita lil terzi persuni għal dawna l-iskopijiet jew li jsiru fuqha drittijiet reali. L-artikoli l-oħra sussegwenti huma sanzjonijiet u azzjonijiet li għandhom it-terzi bħala konsegwenza ta' dak l-artikolu li huwa oġġett tal-liġi. Għalhekk l-opri li għamel il-Gvern għandhom ikunu kunsidrati di fronti għal dak l-artikolu 3 li jikkostitwixxi l-liġi; u meta jkunu eżaminati dawk l-opri jirriżulta li taħt ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi bihom il-Gvern irrenda l-post fabbrikabili, jew bi kwalunkwe mod tefa' xi parti minn dik l-area fil-kummerċ per mezz ta' trasferiment tal-proprjetà jew ta' xi dritt reali lit-terzi. U allura l-azzjoni għandha neċessarjament taqa' fuq sempliċi interpretazzjoni letterali ta' dik id-dispożizzjoni, li hija, kif intqal, mhux biss il-prinċipali, iżda l-unika li tikkostitwixxi l-obbjettiv tal-liġi;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti qegħdin jappiljaw ruħhom fuq l-art. 5, li mhux biss ma ohra bliet sanzjoni ta' l-art. 3; infatti l-leġislatur, wara li ddetermina l-projbizzjoni speċifikata fl-art. 3, żied bħala l-ewwel sanzjoni illi "kull att li bih xi amministrazzjoni tal-Gvern tittrasferixxi lil terzi persuni biċċa minn dik l-area, jew xi jedd reali fuqha, huwa null; imbagħad fl-art. 4 ta d-dritt ta' l-azzjoni għal dik in-nullità fuq speċifikata lil kull persuna, bħala azzjoni publika; l-art. 5 ta l-azzjoni publika l-oħra lil kwalunkwe persuna, dejjem bħala sanzjoni u konsegwenza ta' l-art. 3, li mhux biss tista' titlob in-nullità tat-trasferiment (art. 4), imma tista' titlob id-demolizzjoni ta' bini jew kostruzzjonijiet oħra mtellgħin minn kwalunkwe persuna jew mill-Gvern fuq dik l-area. Din id-dispożizzjoni, bħala sanzjoni u konsegwenza ta' l-art. 3, għandha neċessarjament tinqara ma' dak li hemm miktub f'dak l-artikolu, illi ċjoè din l-azzjoni għad-demolizzjoni hija mogħtija meta l-Gvern ikun ivvjola l-art. 3, li huwa l-prinċipali tal-liġi, u per mezz ta' dak il-bini jew kostruzzjoni rrenda l-area fabbrikabili u refagħha fil-kummerċ; iżda meta, għalkemm saru xi opri żgħar di fronti għal dak l-artikolu 3, u skond l-ittra tiegħu u l-ispirtu fondamentali tiegħu ma jirrendux l-area fabbrikabili u l-area ma ġietx imqiegħda fil-kummerċ, allura dak l-art. 5 huwa inapplikabili;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk l-argument ta' l-appellanti kontra s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, fis-sens li ma setgħetx tmur għall-interpretazzjoni loġika meta l-kelma tal-liġi hija ċara, jaqa' waħdu, għaliex il-kelma tal-liġi fl-art. 3 hija ċara biżżejjed fis-sens li s-sit għandu jsir fabbrikabili per mezz ta' l-opra u jaqa' fil-kummerċ. U l-art. 5 ma jistax ikollu interpretazzjoni iżjed estensiva mill-art. 3, għalkemm f'dak l-artikolu żdiedet il-kelma "structure", għaliex dan ma jistax jinqara waħdu, iżda in korrelazzjoni ma' l-art. 3;

Tikkunsidra;

Illi, anki apparti dan li ntqal iżjed 'il fuq, mhux eżatt il-prinċipju espost mill-appellanti illi meta l-kelma tal-leġislatur hija ċara (f'dan il-każ hija ċara fl-art. 3 biex tkun eskluża

l-azzjoni) ma tistax teżamina r-"ratio legis", għaliex kif din il-Qorti rriteniet in re "Ing. G. Vincenti vs. Edgar Staines ne." fil-25 ta' Ottubru 1940 (Appell Civili), "il principio 'ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio' deve cedere all'altro principio d'interpretazione, che cioè 'non mens verbis sed verba menti servire debent', perchè altrimenti nascerebbe conflitto tra il pensiero certo del legislatore e la parola della legge. L'interpretazione logica non ha unicamente un ufficio sussidiario all'interpretazione letterale, e l'intenzione del legislatore deve prevalere (Pacifici Mazzoni, Istituzioni Vol. I, parte Generale, pag. 48). Lo stesso sistema è stato adottato dal patrio legislatore nella interpretazione dei contratti (Cfr. art. 708, 709 Ord. VII del 1868);

Tikkunsidra fuq l-appell inċidentali;

Illi l-gravam f'dan il-każ huwa illi s-sezzjoni (2) ta' l-art. 4 fejn hemm eżenzjoni minn ċerti drittijiet ma tapplikax għall-azzjoni ta' l-art. 5. Letteralment u "prima facie" forsi huwa hekk; iżda meta tkun indagata r-"ratio legis" f'dan il-każ jidher illi dik l-eżenzjoni qiegħda tapplika wkoll għall-azzjoni kontemplata fl-artikolu 5; u dan jidher mill-kelma "likewise" li qiegħda torbot dak l-artikolu ma' l-ieħor u meta hemm l-istess fundament ġuridiku f'żewġ azzjonijiet; u għalhekk l-eżenzjoni li hemm fl-art. 4 raġjonevolment għandha testendi anki għall-azzjoni l-oħra ta' l-artikolu 5;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti safejn kompatibili;

1. Tirrespinġi l-appell prinċipali ta' l-atturi u għalhekk tikkonferma dik is-sentenza; u tordna illi anki għad-drittijiet tad-difensuri għal dan l-appell l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet;

2. Tirrespinġi l-appell inċidentali tal-konvenut nomine, u għalhekk tikkonferma dik is-sentenza anki fil-kap ta' l-ispejjeż; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati bejn il-partijiet.